**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 227/2018 PM1**

**Nicolette Mahoney (K.I. 594763(M)) f'isimha proprju u f'isem Ryan Mahoney (327093(M)) u Kurt Mahoney (203991(M)) ukoll fil-kapacita` taghhom ta' eredi tal-mejjet Kevin Mahoney li kien jezercita l-professjoni ta' accountant permezz ta' Mahoney & Co.**

**Vs**

**KNDC Holding Company Ltd (C38790)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess atturi s-somma ossija bilanc ta' elf, tmienja u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€1048.12) rapprezentanti hlas ghall-prestazzjonijiet professjonali moghtija minn Mahoney & Co. lis-socjeta` intimata u dana abbazi tal-istatement anness mal-avviz kif ukoll tal-fatturi kollha relattivi bl-imghaxijiet kommercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-5 ta' Jannar 2018, data tal-ittra ufficjali interpellatorja bin-numru 12/2018, sal-hlas effettiv flimkien mal-ispejjez inkluz tal-istess ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li, ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2019 u lanqas fis-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attrici fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta apparti li s-somma mitluba tirrizulta pruvata kemm mill-istatement ezebit u kif ukoll mill-fatturi relattivi. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru kif mitlub mid-data tal-ittra ufficjali interpellatorja notifikata lis-socjeta` intimata bil-procedura tal-pubblikazzjoni.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess atturi s-somma mitluba ta' elf, tmienja u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€1048.12) rapprezentanti ta' hlas ghall-prestazzjonijiet professjonali moghtija minn Mahoney & Co. lill-istess socjeta` konvenuta bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba mid-data tal-5 ta' Jannar 2018, data tal-ittra ufficjali interpellatorja bin-numru 12/2018, sal-hlas effettiv flimkien mal-ispejjez inkluz dawk tal-istess ittra ufficjali.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**